MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1859/2000/1

**Visa Investments Limited**

**vs**

**Blye Engineering Co. Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata t-13 ta’ Settembru, 2000, li permezz taghha s-socjetà attrici fuq indikata ippremettiet sintetikament is-segwenti:

1.1 Illi bi skrittura privata datata l-14 ta’ Settembru, 1995, is-socjetà konvenuta obbligat ruhha li tissupplixxi lis-socjetà attrici u tinstallala sistema ta’ l-arja kondizzjonata f’kumpless kummercjali bl-isem *“De Tignè Shopping Complex”*, sitwat fil-fond numru 21, *Tignè Sea Front*, Tas-Sliema, (ara Dok A);

1.2 Illi s-socjetà konvenuta naqset li tezegwixxi u tikkompleta x-xoghol necessarju fil-pjan terran, u fl-ewwel u fit-tieni sulari tal-kumpless kummercjali *de quo*, (ara Dok B, C, D u E);

1.3 Illi is-socjetà konvenuta naqset li tuza id-diligenza rikjesta skont il-ligi;

1.4 Illi nonostante li interpellata diversi drabi biex tespleta l-inkarigu kontrattwali taghha, baqghet inadempjenti;

1.5 Illi konsegwenza tal-istess is-socjetà attrici sofriet u qieghda ssofri danni unigenti billi, fost l-ohrajn:

1.5.1. Kellha tqabbad terz biex jikkompleta ix-xoghol necessarju biex b’hekk il-kumpless ikun jistà jiffunzjona;

1.5.2. Illi kagun tal-istess, diversi persuni irrifjutaw li jikru partijiet mill-kumpless *de quo*;

1.6 Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjetà konvenuta jkollha l-opportunità tghid ghaliex din m’ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta naqset li tezegwixxi l-obbligi kontrattwali minnha assunti bl-iskrittura ta’ l-14 ta’ Settembru, 1995;

1.6.2. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta hi responsabbli ghad-danni kollha, inkluz telf ta' profitti mis-socjetà attrici;

1.6.3. Tillikwida, okkorendo permezz ta' periti nominandi, id-danni hekk minnha sofferti;

1.6.4. Tikkundana lis-socjetà konvenuta thallas lil dik attrici d-danni hekk likwidati;

1.6.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess citazzjoni promotrici;

1.7 Illi s-suespost gie wkoll ikkonfermat bid-dikjarazzjoni guramentata rikjesta, (ara foll 4);

2.0 Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-7 ta' Novembru, 2000, li permezz taghha is-socjetà konvenuta sintetikament issottomettiet is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tas-socjetà attrici huma infondati;

2.2. Illi s-socjeta` konvenuta ezegwit l-appalt in dizamina skont is-sengha u l-arti, u fil-parametri tal-ftehim *de quo*;

2.3. Illi ghalhekk ma ikkawzat l-ebda danni lis-socjetà attrici;

2.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.5. Illi *di piu`* is-socjetà konvenuta ghandha pretensjonijiet ohra serji fil-konfront tas-socjetà attrici;

2.6. Illi s-suespost gie wkoll ikkonfermat bid-dikjarazzjoni guramentata rikjesta, (ara Dok SM2);

3.0 Rat it-talbiet rikonvenzjonanti tas-socjetà konvenuta wkoll datata s-7 ta' Novembru, 2000, li permezz taghha ippremettiet is-segwenti:

3.1. Illi s-socjetà attrici rikonvenzjonata ghandha taghti lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma komplessiva ta' elf tlett mija u erbgha u tletin Liri Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM1,334.34), ghal oggetti mahduma, mibjugha u kkonsenjati lilha, u ghal xogholijiet ta' tiswija fuq inkarigu tal-istess socjetà attrici rikonvenzjonata, (ara Dok A sa H);

3.2. Illi ghalkemm interpellata appozitament, is-socjetà attrici rikonvenzjonata baqghet inadempjenti;

3.3. Illi minhabba l-hrug abbusiv u in *male fede,* frivolu u vessatorju tas-sekwestru kawtelatorju numru 3242/00 fl-ammont t'erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00), is-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti sofriet danni ingenti billi kienet kostretta taghmel garanzija bankarja ghall-istess ammont sekwestrat u b'hekk iccahdet mill-uzu liberu ta' fondi fl-istess ammont;

3.4. Illi s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ghandha d-dritt ghall-hlas massimu tal-penali kontemplata mill-ligi talli is-socjetà attrici rikonvenzjonata harget mandati kawtelatorji ta' sekwestru, (3242/00), u ta' inibizzjoni (3243/00), *in male fede*, abbusiv, frivolu u vessatorju;

3.5. Tghid ghalhekk is-socjetà attrici rikonvenzjonata ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

3.5.1. Tikkundannha thallas is-somma ta' elf tlett mija erbgha u tletin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM1,334.34), lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ghall-prezz t'oggetti u xogholijiet ta' tiswija;

3.5.2. Tiddikjara lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata risponsabbli ghall-hlas tal-massimu tal-penali kontemplata fil-ligi;

3.5.3. Tiddikjara lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata risponsabbli wkoll ghad-danni kagunati minnha talli harget il-mandati kawtelatorji ta' sekwestru, (3242/00), u t'inibizzjoni (3243/00), fl-ammont ezagerat t'erbghin elf Lira Maltin, (LM40,000.00), u dan, *in male fede* u bl-akbar mod abbusiv, frivoli u vessatorju;

3.5.4. Tillikwida, jekk hemm bzonn, bl-opra ta' periti nominandi, id-danni u l-penali dovuti lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

3.5.5. Tikkundanna lis-socjetà attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni u penali;

3.5.6. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kif dedotti fl-istess talbiet rikonvenzjonanti kontra l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata;

3.6. Illi s-suespost gie wkoll ikkonfermat bid-dikjarazzjoni guramentata rikjesta;

4.0. Rat in-nota tal-eccezzjoniijiet tas-socjetà attrici rikonvenzjonata datata t-28 ta' Novembru, 2000, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

4.1. Illi d-dikjarazzjonijiet li jakkompanjaw l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba huma nulli u ghandhom jigu sfilzati stante li ma jissodisfawx:

4.1.1. L-artiklu 158(4) tal-Kap 12;

4.1.2. L-artiklu 156 (3) tal-Kap 12; u

4.1.3. L-artiklu 398 tal-Kap 12;

4.2. Illi l-ammont pretiz mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti mhux dovut, u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

4.2.1. Illi l-ammonti rigwardanti l-ewwel erbgha fatturi indikati mhux dovuti u inoltre, huma wkoll preskritti;

4.2.2. Illi l-ammont rigwardanti l-fatturi 679/99 u 819/99 ghandu jigi ippruvat;

4.2.3. Illi l-ammont rigwardanti l-*"air curtains"* mhux dovut stante li ma jiffurmawx parti mis-sistema tal-*"air conditioning"* u qatt ma gew stallati;

4.2.4. Illi fil-fatt dawn l-*"air curtains"* ghadhom ippakkjati u jistghu jigu ritornati;

4.2.5. Illi rigward il-fattura 2275/99 jinghad li l-erbgha muturi in dizamina kienu diffettuzi;

4.3. Illi l-penali u d-danni ma jistawx jintalbu b'kontro-talba;

4.4. Illi t-tieni talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonata hi irrita u nulla stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artiklu 396 tal-Kap 12;

4.5. Illi *di piu`*, it-tieni, it-tielet u r-rabà talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati stante li l-mandat riferit hareg in *buona fede* biex jittutela id-drittijiet tas-socjetà attrici;

4.6. Illi ghalhekk is-socjetà attrici mhix responsabbli ghad-danni u penali pretizi;

4.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

4.8. Illi s-suespost gie wkoll debitament ikkonfermat bid-dikjarazzjoni guramentata rikjesta;

5. Rat il-verbal datat is-6 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu l-abbli raprezentanti legali tal-partijiet qabblu li minkejja l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà attrici ghall-kontro-talba tas-socjetà konvenuta, u bla pregudizzju ghall-istess, il-kawza setghet titkompla bil-trattazzjoni fil-meritu, (ara foll 6);

6. Rat ukoll id-digriet moghti mill-istess qorti diversament preseduta datat ukoll is-6 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu, fuq proposta tas-socjetà konvenuta mhux opposta mis-socjetà attrici, inhatar l-espert tekniku hemm indikat (ara foll 6);

7. Rat l-assenjazzjoni indikata fl-istess verbal riferit fil-paragrafu precedenti, (ara foll 7);

8. Rat l-assenjazzjoni sussegwenti datata d-9 ta' Novembru, 2006, (ara foll 60);

9. Rat il-verbal datat l-11 t'Ottubru, 2011, fejn jirrizulta li l-procedura odjerna kienet issa assenjata lil din l-istess qorti kif preseduta;

10. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Novembru, 2011, fejn ghar-raguni hemm indikata il-kawza giet kancellata, (ara foll 86);

11. Rat ir-rikors tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti datat it-2 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu talbet li l-kawza tergà tigi riappuntata skont il-ligi, (ara foll 88);

12. Rat id-digriet taghha is-6 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu irriappuntat il-kawza ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 89);

13. Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Marzu, 2012, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti u li permezz tieghu, wara l-informazzjoni lilha hemm moghtija, awtorizzat lill-perit tekniku nominat biex jirrelata limitatament fuq il-kontro-talba sottomessa mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 100);

14. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu, wara rikors appozitu fir-rigward, irrevokat *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 102);

15. Rat id-digriet sussegwenti taghha fir-rigward, datat il-25 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu cahdet it-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonati datata t-12 ta' Gunju, 2012, (ara foll 120);

16. Rat id-digriet ulterjuri taghha fir-rigward datat it-18 t'Ottubru, 2012, fejn wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti irrevokat id-digriet precedenti taghha datat il-25 ta' Lulju, 2012, u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawza, limitatament ghall-kontro-talba sollevata mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 121);

17. Rat ir-relazzjoni peritaliipprezentata regolarment in atti fit-2 ta' Lulju, 2013, (ara foll 128 u Dok CC1);

18. Rat in-nota tas-socjetà attrici datata t-8 ta' Lulju, 2013, li permezz taghha talbet in-nomina ta' periti addizzjonali, (ara foll 384), liema

talba però giet irtirata permezz tal-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-istess socjetà datat is-7 ta' Novembru, 2013, (ara foll 386);

19. Rat id-digriet taghha datat ukoll is-7 ta' Novembru, 2013, fejn fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni finali ssir bil-modalità hemm indikata, (ara foll 386);

20. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti dwar il-kontro-talba taghha *ai termini* tad-digriet taghha datat il-25 ta' Lulju, 2012, (ara paragrafu numru sittax, (16), aktar qabel u foll 388);

21. Rat il-verbal datat l-20 ta' Marzu, 2014, fejn l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li l-process ma kienx integru u li kien hemm diversi dokumenti nieqsa li jirrikjedu li l-process jigi rikostitwit, (ara foll 409);

22. Rat il-verbal datat l-4 t'April, 2014, fejn jirrizulta li l-process gie rikostitwit konguntivament mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 410);

23. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 410);

24. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

25. Illi tenut kont tal-verbal datat il-25 ta' Lulju, 2012, fuq già riferit, (ara paragrafu sittax, (16), aktar qabel), din il-vertenza hi issa limitata ghall-epurazzjoni tal-kontro-talba sollevata mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, (ara foll 121);

26.0. Illi in sintesi l-imsemmija kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti sintetikament tindirizza is-segwenti:

26.1. Illi l-imsemmija socjetà konvenuta qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija erbgha u tletin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM1,334.34), ekwivalenti ghal tlett elef mija u tmin Ewro u hmistax -il centezmu, (€3,108.15), mis-socjetà attrici ghall-oggetti u xogholijiet ta' tiswija;

26.2. Illi l-istess socjetà konvenuta qed titlob il-penali massimu kontemplat fil-ligi ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji fuq indikati ghal somma minnha ritenuta ezagerata t'erbghin elf Lira Maltin (LM40,000.00), b'sekwestru iehor ghal hamsa u erbghin elf hames mija u tnejn u disghin Lira Maltin, (LM45,592.00) liema mandati inhargu in *mala fede* u b'mod abusiv, frivolu u vessatorju;

26.3. Illi jigi likwidat id-danni sofferti mis-socjetà konvenuta konsegwenza tal-istess flimkien mad-danni minnha wkoll ghalhekk sofferti;

26.4. Illi s-socjetà attrici tigi ikkundannata thallas lil dik konvenuta l-ammont hekk likwidat;

26.5. Bl-imghaxijiet u spejjez kif dedotti fl-istess talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi rigward il-mandati fuq riferiti mahruga mis-socjetà attrici kontra dik konvenuta gie sostnut is-segwenti mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

27.1. Illi din soffriet danni kbar;

27.2 Illi dawn id-danni gew sofferti minnha ghaliex kellha taghmel garanzija bankarja biex b'hekk tkun tistà tehles mill-effetti tal-istess mandati;

27.3. Illi ghalhekk, is-socjetà konvenuta giet priva mill-uzu liberu tal-ammonti involuti li altrimenti kienu jkunu a disposizzjoni taghha f'forma t' *"overdrafts"*;

Ikkunsidrat:

**A. Dwar l-Eccezzjonijiet Preliminari Sollevati:**

28. Illi rigward l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mis-socjetà attrici fuq id-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u mal-kontro-talba taghha ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

29.0 **Rigward id-Dikjarazzjni Guramentata:**

29.1 Illi tali eccezzjonijiet ma jirrizultawx li huma sostenibbli stante li mhux biss huma redatti skont il-ligi kif titlob fl-artiklu 156(3) u 158(4) it-tnejn tal-Kap 12, izda huma miktubin b'mod identiku bhal dawk kif dikjarati mir-rapprezentant tas-socjetà attrici;

29.2. Illi ghalhekk, kieku ghall-grazzja tal-argument kellha tintlaqa din l-accezzjoni preliminari tas-socjetà attrici, kieku l-istess principju jkollu japplika ghall-istess socjetà, bil-konsegwenza lil-azzjoni inizzjata mill-istess socjetà attrici tkun ukoll meqjusa bl-istess mizura minnha postulata bil-konsegwenzi kollha derivanti;

29.3. Illi kuntrarju ghal dak sottopost mis-socjetà attrici, ma jirrizultax li f'dan ir-rigward hemm xi nuqqas da parti tas-socjetà konvenuta u tal-persuna li ddikjara bil-gurament tieghu il-verità tal-fatti kif minnhu hemm esposti, u konsegwentement tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà attrici, bl-ispejjez fir-rigward, kontra l-istess socjetà attrici;

Ikkunsidrat:

30.0. **Rigward il-Preskrizzjoni:**

30.1. Illi sussidjarjament, is-socjetà attrici tissolleva l-eccezzjoni ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni minnha indikata fl-istess nota tal-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

30.2. Illi f'dan ir-rigward ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

30.2.1. Illi l-preskrizzjoni indirizzata mis-socjetà attrici hi dik naxxenti mill-artiklu 2148(a) tal-Kap 16 senjatament dik rigwardanti l-preskrizzjoni bl-eghruq tat-tmintax -il xhar li fost l-ohrajn tirrigwardja lis-segwenti azzjonijiet:

30.2.1.i. Hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u dawk li jahdmu is-sengha jew arti mekkanika, ghax-xoghol taghhom;

30.2.1.ii. Kredituri ghall-prezz ta' merkanzija bl-imnut;

30.2.2. Illi kif ritenut fil-kawza fl-ismijiet ***Bezzina vs Said***, ***Qorti tal-Kummerc, datata l-4 ta' Marzu, 1949***, ***Vol. XLII p. 1151***.

" ... d-disposizzjoni kontenuta fl-artiklu 2253 (illum 2148) tirriferixxi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom, filwaqt li d-disposizzjoni kontenuta fl-artiklu 2254 (illum 2149) tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol *"opus"* minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet";

" Illi l-attur jezercita impriza ta' inginerija u jispekula fuq l-opra ta' l-impjegati tieghu u huwa ma jipprestax biss l-opra (*opera*) tieghu ghall-

konvenut, imma ghamillu xoghol (*opus*) konsistenti fit-twaqqif t'oggett indikat fl-att tac-citazzjoni ... taht id-direzzjoni ta' espert estraneju u fornixxa materjal okkorrenti ghat-twaqqif ta' dak l-istess oggett; u ghalhekk ghall-kreditu tieghu ghal dak ix-xoghol hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn kontemplata fic-citat artiklu 2254 (illum 2149(a)) tal-Kodici Civili";

30.3. Illi in vista tal-premess tirrespingi wkoll din it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici;

Ikkunsidrat:

31.0. **Rigward il-Kwistjoni Procedurali dwar liema azzjoni hi permessibbli:**

31.1. Illi *di più*, l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata eccepiet preliminarjament ukoll li t-tieni talba kontenuta fil-kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti hi irrita u nulla stante li mhix *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 stante li issostni li penali u danni "ma jistghux jintalbu b'kontro-talba";

31.2. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

31.2.1. Illi fiz-zmien meta l-kontro-talba kienet inoltrata, (is-7 ta' Novembru, 2000), il-procedura in dizamina

kienet ghadha permezz ta' citazzjoni, liema procedura illum m'ghadiex tezisti;

31.2.2. Illi l-procedura hawn adoperata ma tilledi l-ebda artiklu in dizamina anzi kkontribwixxi ghall-ekonomija tal-procedura stante li qed tuza procedura wahda già inoltrata biex tindirizza problema ohra naxxenti mill-istess fatti;

31.2.3. Illi ghalhekk il-komunanza ta' l-azzjoni mhux biss hi:

31.2.3.i. Ekonomikament ghaqlija ghall-kontendenti;

31.2.3.ii Izda hi wkoll koncettwalment aktar rigoriza billi il-vertenza in ezami setghet tiehu konjizzjoni tal-problematika kollha involuta u dan, fl-ahjar interess tal-gustizzja;

Ikkunsidrat:

32.0. **Rigward l-irritabilità u l-annullabilità tat-tieni kontro-talba stante li ma' tissodisfax l-artiklu 396 tal-Kap 12:**

32.1. Illi l-artiklu citat fil-paragrafu precedenti jirrikjedi *ad validitatem* illi kontro-talba tkun valida kemm -il darba **" ...**

**tkun gejja mill-istess fatt ... li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur"**;

32.2. Illi minn ezami tal-provi prodotti ghandu jkun pacifiku li l-vertenza in dizamina u l-kontro-talbiet minnha naxxenti huma kollha rizultat tal-isfaxximent tar-relazzjoni kummercjali li kien hemm bejn is-socjetajiet kontendenti u mhux xi frott ta' xi allucinazzjoni tal-partijiet;

32.3. Illi l-isfaxximent ta' din ir-relazzjoni wasslet ghall-katina ta' avvenimenti li permezz taghha s-socjetà attrici irrikorriet ghall-mandati minnha inoltrati, liema mandati irrizultaw fil-limitazzjoni finanzjarja tas-socjetà konvenuta billi nixfitilha il-likwidità taghha li ikkostringietha tirrikorri ghall-ghajnuna bankarja biex tibqà tiffunzjona, u dan ovvjament b'prezz kospikwu;

Ikkunsidrat:

33.0. **Rigward il-hrug ta' mandat hames (5) snin wara dak originali:**

33.1. Illi fir-rigward is-socjetà attrici ssostni wkoll li hawn hi agixxiet in *buona fede*;

33.2. Illi l-uniku skop taghha fir-rigward kien li tikkawtela d-drittijiet taghha;

33.3. Illi ghalhekk is-socjetà attrici rikonvenzjonata ssosstni li mhix responsabbli ghal danni jew penali involuti;

33.4. Illi fir-rigward ghandu jinghad li is-socjetà attrici rikonvenzjonata naqset li tintavola provi in sostenn tal-istess;

33.5. Illi *di più* jirrizulta minflok mix-xhieda prodotta mis-socjetà konvenuta quddiem il-perit tekniku fuq riferit li l-mandati in dizamina issukkjaw il-likwidità finanzjarja tas-socjetà konvenuta u konsegwentement effettwaw negattivament il-possibilitajiet kummercjali li inholqu f'dak il-perjodu lill-istess socjetà;

33.6. Illi kif tajjeb issostni s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti fin-nota taghha, is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha meta s-socjetà attrici intavolat mandati ta' sekwestri ulterjuri minghajr ma precedentement allertat lis-socjetà konvenuta skont il-ligi;

33.7. Illi ghalhekk, l-animu nefast allegat jittrapela b'mod sinifikanti;

33.8. Illi konsegwenza tal-istess, wara li s-socjetà konvenuta kienet kostretta tipprotegi ruhha b'garanzija bankarja, effettivament spiccat imcahhda mill-uzu ta' flusha fl-ammont komplessiv ta' mija u disgha u disghin elf tlett mija u sitta u sebghin Ewro, (€199,376.00), oltre pagamenti

ohra dovuti lill-istess bank garanti ghas-servizzi minnhu lilha pprestati, ammontanti komplessivament ghal disghat elef sebgha mija u tlieta u sebghin Ewro u sebgha u tletin centezmu; (€9,773.37), (ara rendikont fir-rigward a foll 395);

33.9. Illi l-attitudni malefika riskontrata tkompli tipprevali ruhha meta jigi wkoll ikkonsidrat li wara li intavolat it-tieni mandat in dizamina, is-socjetà attrici ma ipprosegwietx gudizzjarjament kif tenuta;

33.10. Illi ghalhekk, tali inattività ghandha tirrikjama l-attenzjoni ghal dak mahsub fl-artiklu 836 (8) (a) tal-Kap 12, stante li ma ingabet l-ebda raguni valida fil-ligi biex l-istess socjetà ma resqet l-ebda kawza dwar l-istess talba fiz-zmien stabbilit fil-ligi;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fil-meritu tal-vertenza in dizamina ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

34.1. Illi f’dan is-sens issa ghandu jigi indirizzat is-segwenti:

34.1.1. Jekk humiex issa dovuti penali fis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

34.1.2. Jekk humiex issa dovuti danni lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

Ikkunsidrat:

35.0. **Rigward il-Penali**:

35.1. Illi dan già gie indirizzat aktar qabel, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33), aktar qabel);

35.2. Illi mis-suespost jirrizulta debitament assodat li ghalkemm is-socjetà attrici kienet attivissima biex tintavola l-mandati fuq riferiti, daqstant iehor irrizultat assenti biex tippersegwixxi d-drittijiet taghha b'mod effettiv;

35.3. Illi tali atitudini ghalhekk wriet li l-istess socjetà attrici kienet aktar kuntenta bl-istat ta' stall li gabet fih lis-socjetà konvenuta li ippersista ghal snin shah milli ippersegwiet l-*iter* gudizzjarju skont il-ligi u b'mod effettivament tempestiv;

35.4. Illi ghalhekk l-indolu karpit mill-agir tas-socjetà attrici ma jirrizultax daqstant li riedet tottjeni dak li kien taghha milli tkisser u tfarrak il-potenzjalità kummercjali tas-socjetà konvenuta;

35.5. Illi *di più*, l-inkluzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fl-atti *de quo* ma kien iservi ghalxejn hlief li jkompli jghakkes

inutilment lis-socjetà konvenuta, waqt li fl-istess hin, ma jkun ta' ebda beneficju ghas-socjetà attrici;

35.6. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti issodisfat din it-talba ghall-penali minnha hekk sollevata;

Ikkunsidrat:

36.0. **Rigward id-Danni:**

36.1. Illi d-danni rikjamati mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti jammontaw komplessivament ghal mija u hamsin elf tlett mija u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€150,344.37), oltre l-imghaxijiet involuti kif a skans ta' ripetizzjoni inutili huma debitament elenkati mill-istess socjetà konvenuta u li bl-ebda mod ma' gew kontradetti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, (ara foll 393);

**DECIDE:**

37.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti ippruvat il-kontro-talbiet kollha minnha sollevati u konsegwentement:

37.1. Takkolji t-talbiet kollha tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti;

37.2. Tirrespingi r-risposti kollha tas-socjetà attrici rikonvenzjonata;

37.3. Tirrespingi ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha preliminarji rigwardanti is-segwenti vertenzi fuq gia` esposti:

37.3.1. Id-Dikjarazzjoni Guramentata (ara paragrafu numru disgha u ghoxrin, (29), aktar qabel);

37.3.2. Il-Preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tletin, (30), aktar qabel);

37.3.3. Il-Kwistjoni Proceduràli dwar liema azzjoni hi permissibbli, (ara paragrafu numru wiehed u tletin (31), aktar qabel);

37.3.4. L-Irritabilità u l-Annullabilità *ai termini* tal-artiklu 396 tal-Kap 12, (ara paragrafu numru tnejn u tletin, (32), aktar qabel);

37.3.5. Il-Hrug ta' mandat hames (5) snin wara dak originali, (ara paragrafu numru tlieta u tletin, (33), aktar qabel);

37.4. Illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu kontenut fil-kontro-talbiet tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti jigi stabbilit sintetikament is-segwenti:

37.4.1. Illi *ai fini* tal-penali rikjesta mis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata *ai termini* tal-artiklu 836 (8) (a) tal-Kap 12, stante li debitament ippruvata, (ara paragrafu numru hamsa u tletin (35) aktar qabel, **tikkundanna** lis-socjetà attrici rikonvenzjonata *Visa Investments Limited* biex thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti, *Blye Engineering Company Limited* l-penali ta' elfejn Ewro, (€2,000.00);

37.5. Illi ghal dak li jirrgwardja d-danni kif rikjamati mill-imsemmija socjetà konvenuta rikonvenzjonanti li bl-ebda mod ma jirrizultaw mill-atti li gew kontradetti mis-socjetà attrici rikonvenzjonata, tilqà it-talba tal-istess socjetà konvenuta rikonvenzjonanti kif minnha esposta, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36), aktar qabel u foll 394), u konsegwentement **tikkundanna** wkoll lis-socjetà attrici rikonvenzjonata *Visa Investments Limited* biex thallas lis-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti *Blye Engineering Company Limited* is-somma komplessiva ta' mija u hamsin elf tlett mija u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€150,344.37), kif fuq elenkat;

37.6. Tikkundanna wkoll lill-istess socjetà attrici rikonvenzjonata *Visa Investments Limited* biex thallas ukoll l-imghaxijiet kollha involuti fuq l-ammonti fuq indikati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni promotrici, (it-13 ta' Settembru, 2000), sa l-effettiv pagament;

37.7. Bl-ispejjes kif dedotti fl-istess kontro-talba tas-socjetà konvenuta rikonvenzjonanti kontra l-istess socjetà attrici rikonvenzjonata *Visa Investments Limited*, (ara Dok SM2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------